REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/398

tat-8 ta' Marzu 2019

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 616/2007 fir-rigward ta' ċerti kwoti tariffarji addizzjonali fis-settur tal-laħam tat-tjur u li jidderoga minn dak ir-Regolament għas-sena tal-kwota 2018/2019

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Settembru 2018, l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina") iffirmaw Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri ("il-Ftehim") b'rabta mal-kwistjoni DS492: L-Unjoni Ewropea – Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam. L-iffirmar tal-Ftehim f'isem l-Unjoni Ewropea awtorizzatu d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1252 ([2]) u l-konklużjoni tiegħu awtorizzatu d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/143 ([3]).

(2) B'konformità mal-Ftehim, l-Unjoni Ewropea qiegħda tiftaħ diversi kwoti tariffarji għal ċerti prodotti tal-laħam tat-tjur.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 ([4]) jipprevedi l-ftuħ u l-mod ta' ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, mit-Tajlandja u minn pajjiżi terzi oħra.

(4) Għalhekk huwa xieraq li r-Regolament (KE) Nru 616/2007 jiġi emendat biex iqis il-kwoti tariffarji li għandhom jinfetħu skont il-Ftehim.

(5) Il-Ftehim jipprevedi d-dħul fis-seħħ fl-1 ta' April 2019. Għalhekk, għas-sena tal-kwota 2018/2019, il-kwantitajiet ta' prodotti tal-laħam tat-tjur għall-kwoti tariffarji li għandhom isiru disponibbli skont il-Ftehim jenħtieġ li jiġu kkalkulati fuq bażi *pro rata*, filwaqt li titqies id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Sa mill-perjodu tal-kwota li jibda mill-1 ta' Lulju 2019, jenħtieġ li jkunu disponibbli l-kwantitajiet annwali sħaħ tal-prodotti tal-laħam tat-tjur skont il-Ftehim.

(6) Minħabba li ċerti kwoti għall-prodotti tal-laħam tat-tjur allokati liċ-Ċina għandhom jiġu amministrati fuq bażi ta' kull tliet xhur u minħabba li l-perjodu ta' applikazzjoni għall-perjodu ta' tliet xhur li jibda fl-1 ta' April 2019 se jkun skada fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, jenħtieġ li l-kwantitajiet skont il-Ftehim għall-perjodu li jkopri l-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2019 ikunu disponibbli mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jenħtieġ li tkun dik tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1252 tat-18 ta' Settembru 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'rabta ma' DS492: L-Unjoni Ewropea — Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam (ĠU L 237, 20.9.2018, p. 2).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/143 tat-28 ta' Jannar 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'rabta ma' DS492: L-Unjoni Ewropea - Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam (ĠU L 27, 31.1.2019, p. 2).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 tal-4 ta' Ġunju 2007 dwar il-ftuħ u l-mod ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, it-Tajlandja u pajjiżi terzi oħra (ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 616/2007

Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-kwoti tariffarji li jidhru fl-Anness I ta' dan ir-Regolament b'dan huma miftuħa għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fil-ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Brażil, bejn l-Unjoni u t-Tajlandja, u bejn l-Unjoni u ċ-Ċina, approvati bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2007/360/KE, 2012/792/UE (*) u (UE) 2019/143 (**).

Il-kwoti tariffarji jinfetħu fuq bażi annwali għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju.

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/792/UE tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994, u tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tajlandja taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994 (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 47).

(**) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/143 tat-28 ta' Jannar 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'rabta ma' DS492: L-Unjoni Ewropea - Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam (ĠU L 27, 31.1.2019, p. 2).";

(2) l-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

1. Bl-eċċezzjoni tal-kwoti fil-Gruppi Nri 3, 4B, 5B, 6B, 6C u 10, il-kwantità stabbilita għall-perjodu annwali tal-kwota għandha tinqasam fuq erba' subperjodi, kif ġej:

(a) 30 % mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru;

(b) 30 % mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru;

(c) 20 % mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu;

(d) 20 % mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju.

2. Il-kwantità annwali stabbilita għall-kwoti fil-Gruppi Nri 3, 4B, 5B, 6B, 6C u 10 ma għandhiex tinqasam f'subperjodi.

3. Il-kwantitajiet annwali stabbiliti għall-kwoti fil-Gruppi Nri 5 A u 5B għandhom ikunu ġestiti billi l-ewwel jiġu attribwiti d-drittijiet tal-importazzjoni u mbagħad jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni.";

(3) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, għall-Gruppi Nri 3, 6 A, 6B, 6C, 6D u 8, kull applikant jista' jressaq aktar minn applikazzjoni waħda għal-liċenzji tal-importazzjoni għal prodotti li jaqgħu fi grupp wieħed jekk it-tali prodotti jkunu joriġinaw minn aktar minn pajjiż wieħed. L-applikazzjonijiet separati għal kull pajjiż tal-oriġini għandhom jitressqu fl-istess ħin lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru. Għall-finijiet tal-kwantità massima msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, għandhom jitqiesu bħala applikazzjoni waħda.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-liċenzji jobbligaw li l-importazzjoni ssir mill-pajjiż speċifikat, ħlief għall-Gruppi Nri 3, 6 A, 6B, 6C, 6D u 8. Għall-gruppi kkonċernati minn dan l-obbligu, fil-kaxxa 8 tal-applikazzjoni għal-liċenzja u tal-liċenzja nnifisha, għandu jiġi indikat il-pajjiż tal-oriġini u l-kelma "iva" għandha tiġi mmarkata b'salib.";

(4) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Mal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal-liċenzja għall-Gruppi Nri 2, 3, 6 A, 6B, 6C, 6D, 8, 9 u 10, għandha tiġi ddepożitata garanzija ta' EUR 50 għal kull 100 kilogramma. Għall-Gruppi Nri 1, 4 A, 4B u 7, il-garanzija għandha tkun stabbilita għal EUR 10 għal kull 100 kilogramma u għall-applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni għall-Gruppi Nri 5 A u 5B, il-garanzija għandha tkun stabbilita għal EUR 35 għal kull 100 kilogramma.";

(5) fl-Artikolu 6(3), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-Gruppi Nri 3, 4B, 5B, 6B, 6C u 10 ma għandhiex tapplika n-notifika msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu.";

(6) l-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

1. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-kuntest tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-oriġini maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti taċ-Ċina (għall-Gruppi Nri 9 u 10), tal-Brażil (għall-Gruppi Nri 1, 4 A, 4B u 7) u tat-Tajlandja (għall-Gruppi Nri 2, 5 A u 5B), f'konformità mal-Artikoli 57, 58 u 59 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 (*).

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-Gruppi Nri 3, 6 A, 6B, 6C, 6D u 8.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).";

(7) l-Anness I huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Derogi mir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għas-sena ta' kwota 2018/2019

1. B'deroga mir-Regolament (KE) Nru 616/2007, fir-rigward tal-kwoti li jikkorrispondu għall-Gruppi Nri 6C, 6D, 9 u 10 stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament kif emendat bl-Artikolu 1(7) ta' dan ir-Regolament, il-kwantitajiet *pro rata* li ġejjin għandhom ikunu disponibbli għas-sena ta' kwota 2018/2019:

(a) għan-numru tas-serje 09.4266: 15-il tunnellata;

(b) għan-numru tas-serje 09.4267: 15-il tunnellata;

(c) għan-numru tas-serje 09.4268: 1 250 tunnellata;

(d) għan-numru tas-serje 09.4269: 1 500 tunnellata;

(e) għan-numru tas-serje 09.4283: 150 tunnellata.

2. B'deroga mir-Regolament (KE) Nru 616/2007, fir-rigward tal-kwoti li jikkorrispondu għall-Gruppi Nri 6C, 6D, 9 u 10 stabbiliti fl-Anness I għal dak ir-Regolament kif emendat bil-punt (7) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għas-sena ta' kwota 2018/2019:

(a) l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għall-Gruppi Nri 6C u 10 għandhom jitressqu bejn it-tmien jum kalendarju u l-15-il jum kalendarju mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, sa mhux aktar tard mis-13.00, ħin ta' Brussell;

(b) l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2019 għall-Gruppi Nri 6D u 9 għandhom jitressqu bejn it-tmien jum kalendarju u l-15-il jum kalendarju mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, sa mhux aktar tard mis-13.00, ħin ta' Brussell;

(c) l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantità totali li tkun tressqet applikazzjoni għaliha, li għandha tinqasam skont in-numru tal-ordni u l-oriġini, sa mhux aktar tard mis-seba' jum tax-xogħol wara tmiem il-perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet imsemmi fil-punti (a) u (b);

(d) il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu mis-seba' jum tax-xogħol u mhux aktar tard mit-12-il jum tax-xogħol minn meta jintemm il-perjodu għan-notifiki msemmi fil-punt (c);

(e) bejn is-16 u l-31 ta' Mejju 2019, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet li jkunu jkopru l-liċenzji li jkunu ħarġu.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' April 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

"ANNESS I

Laħam tat-tjur, immellaħ jew fis-salmura [1]

Pajjiż	Grupp Nru	Perjodiċità tal-ġestjoni	Numru tas-serje	Kodiċi NM	Dazju doganali	Kwantità annwali (f'tunnellati)	Kwantità minima għal kull applikazzjoni	Kwantità massima għal kull applikazzjoni
Il-Brażil	1	Trimestrali	09.4211	ex 0210 99 39	15,4 %	170 807	100 t	10 %
It-Tajlandja	2	Trimestrali	09.4212	ex 0210 99 39	15,4 %	92 610	100 t	5 %
Oħrajn	3	Annwali	09.4213	ex 0210 99 39	15,4 %	828	10 t	10 %

[1] L-applikabbiltà tas-sistema preferenzjali hija ddeterminata abbażi tal-Kodiċi NM, bil-kundizzjoni li l-laħam immellaħ jew fis-salmura kkonċernat ikun laħam tat-tjur li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0207.

Preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur minbarra tad-dundjan

Pajjiż	Grupp Nru	Perjodiċità tal-ġestjoni	Numru tas-Serje	Kodiċi NM	Dazju doganali	Kwantità annwali (f'tunnellati)	Kwantità minima għal kull applikazzjoni	Kwantità massima għal kull applikazzjoni
Il-Brażil	4 A	Trimestrali	09.4214	1602 32 19	8 %	79 477	100 t	10 %
			09.4251	1602 32 11	EUR 630/t	15 800	100 t	10 %
			09.4252	1602 32 30	10,9 %	62 905	100 t	10 %
	4B	Annwali	09.4253	1602 32 90	10,9 %	295	10 t	100 %
It-Tajlandja	5 A	Trimestrali	09.4215	1602 32 19	8 %	160 033	100 t	10 %
			09.4254	1602 32 30	10,9 %	14 000	100 t	10 %
			09.4255	1602 32 90	10,9 %	2 100	10 t	10 %
			09.4256	1602 39 29	10,9 %	13 500	100 t	10 %
	5B	Annwali	09.4257	1602 39 21	EUR 630/t	10	10 t	100 %
			09.4258	ex 1602 39 85 [1]	10,9 %	600	10 t	100 %
			09.4259	ex 1602 39 85 [2]	10,9 %	600	10 t	100 %
Oħrajn	6 A	Trimestrali	09.4216	1602 32 19	8 %	11 443	10 t	10 %
			09.4260	1602 32 30	10,9 %	2 800	10 t	10 %
	6B	Annwali	09.4261 [3]	1602 32 11	EUR 630/t	340	10 t	100 %
			09.4262	1602 32 90	10,9 %	470	10 t	100 %
			09.4263 [4]	1602 39 29	10,9 %	220	10 t	100 %
			09.4264 [4]	ex 1602 39 85 [1]	10,9 %	148	10 t	100 %
			09.4265 [4]	ex 1602 39 85 [2]	10,9 %	125	10 t	100 %
	6C	Annwali	09.4266 [5]	1602 39 29	10,9 %	60	10 t	100 %
			09.4267 [5]	1602 39 85	10,9 %	60	10 t	100 %

Pajjiż	Grupp Nru	Perjodiċità tal-ġestjoni	Numru tas-Serje	Kodiċi NM	Dazju doganali	Kwantità annwali (f'tunnellati)	Kwantità minima għal kull applikazzjoni	Kwantità massima għal kull applikazzjoni
Erga omnes	6D	Trimestrali	09.4268	1602 32 19	8 %	5 000	10 t	10 %
Iċ-Ċina	9	Trimestrali	09.4269	1602 39 29	10,9 %	6 000	10 t	10 %
Iċ-Ċina	10	Annwali	09.4283	1602 39 85	10,9 %	600	10 t	100 %

(1) Laħam ipproċessat tal-papri, tal-wiżż u tal-farawni, li fih 25 % jew iktar tal-piż iżda inqas minn 57 % tal-piż laħam jew ġewwieni tat-tjur.
(2) Laħam ipproċessat tal-papri, tal-wiżż u tal-farawni, li fih anqas minn 25 % tal-piż laħam jew ġewwieni tat-tjur.
(3) Ħlief il-Brażil, iżda inkluż it-Tajlandja.
(4) Ħlief it-Tajlandja, iżda inkluż il-Brażil.
(5) Ħlief iċ-Ċina.

Preparazzjonijiet tal-laħam tad-dundjan

Pajjiż	Numru tal-grupp	Perjodiċità tal-ġestjoni	Numru tas-Serje	Kodiċi NM	Dazju doganali	Kwantità annwali (f'tunnellati)	Minimu għal kull applikazzjoni	Kwantità massima għal kull applikazzjoni
Il-Brażil	7	Trimestrali	09.4217	1602 31	8,5 %	92 300	100 t	10 %
Oħrajn	8	Trimestrali	09.4218	1602 31	8,5 %	11 596	10 t	10 %”